

Brussell, 7 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0081(COD)

---

---

16056/23  
ADD 2

COMPET 1183  
IND 632  
MI 1053  
BETREG 38  
DIGIT 284  
ECOFIN 1293  
EDUC 467  
ENER 645  
POLCOM 298  
RECH 531  
CODEC 2291

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	15440/1/23 REV 1 7613/23 + 7613/23 ADD1
Suġġett:	Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti) <i>- Approċċ ġenerali</i> <i>- Dikjarazzjoni konġunta mill-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjonijiet tal-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività fis-7 ta' Diċembru 2023.

**DIKJARAZZJONI KONGUNTA MILL-BULGARIJA, FRANZA, IL-KROAZJA, IL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA, IS-SLOVENJA, L-UNGERIJA**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)**

**Il-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija** jfakkru fl-importanza tal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u d-dritt sovrani tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw il-ħtieġa li dawn il-prinċipji u d-drittijiet jiġu rispettati kif xieraq u jitqiesu bis-sħiħ fil-politiki Ewropej. Filwaqt li jtennu li t-teknoloġiji nukleari huma parti integrali mill-istrateġija Ewropea għat-tranżizzjoni tal-enerġija, jilqgħu l-fatt li l-Artikolu 3b jinkludi t-teknoloġija tal-fissjoni nukleari, inkluż iċ-ċiklu tal-fjuwil, bħala komplement għat-teknoloġiji l-oħra ħielsa mill-fjuwils fossili meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u s-sigurtà tal-enerġija. Filwaqt li jinnotaw li l-lista ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Artikolu 3b(1) ma tippreġudikax l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE, jindikaw li fl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-regoli u l-proċeduri relatati mal-finanzjament ikomplu japplikaw. Għalhekk, dawn it-teknoloġiji kollha jistgħu u ser ikomplu jiġu kkunsidrati għall-aċċess għall-finanzjament tal-UE, inkluż għal appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment.